



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

25 ta' Jannar 2024\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 9(2) u (3)(a) sa (c) – Dritt mogħti mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Kunċett ta’ ‘użu fil-proċess normali tan-negozju ta’ trade mark’ – Artikolu 14(1)(c) – Limitazzjoni tal-effetti ta’ trade mark tal-Unjoni Ewropea – Dritt tal-proprietarju ta’ trade mark tal-Unjoni Ewropea li jopponi l-użu minn terz ta’ sinjal identiku għal jew simili għat-trade mark fir-rigward ta’ partijiet ta’ bdil tal-karozzi – Element ta’ grilja tar-radżatur li jservi għall-iffissar ta’ emblema li tirrappreżenta t-trade mark ta’ manifattur ta’ vetturi bil-mutur”

Fil-Kawża C-334/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta’ Varsavja, il-Polonja), permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Frar 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Mejju 2022, fil-proċedura

**Audi AG**

vs

**GQ,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, O. Spineanu-Matei (Relatriċi), J.-C. Bonichot, S. Rodin u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: M. Siekierzyńska, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta’ Ġunju 2023,

wara li kkunsidrat l-observazzjonijiet ippreżentati:

- għal Audi AG, minn J. Alchimione, B. Kochlewski, M. Popielska u P. Siekierzyński, adwokaci,
- għal GQ, minn E. Jaroszyńska-Kozłowska u S. Karpierz, radcowie prawni,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, J. Lachowicz u J. Sawicka, bħala aġenti,

\* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

- għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard, A. Daniel u E. Timmermans, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn S. L. Kaléda, P. Němečková, J. Samnadda u B. Sasinowska, sussegwentement minn P. Němečková, J. Samnadda u B. Sasinowska, bħala aġenti,  
wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Settembru 2023,  
tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2)(a) u (3)(a) kif ukoll tal-Artikolu 14(1)(c) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Audi AG u GQ minħabba allegat ksur tad-dritt mogħti minn trade mark tal-Unjoni Ewropea li tagħha Audi hija l-proprietarja.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Ir-Regolament 2017/1001*

- 3 L-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001, intitolat “Drittijiet mogħtija minn trademark tal-UE”, jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:
  - “1. Ir-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE għandha tagħti drittijiet eskużivi lill-proprietarju.
  - Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta’ proprietarji li jkunu nkisbu qabel id-data tal-applikazzjoni jew id-data ta’ priorità tat-trademark tal-UE, il-proprietarju ta’ dik it-trademark tal-UE għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi kull parti terza, li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu, li tuża, fil-proċess normali tan-negozju, marbut mal-oġġetti jew servizzi, kwalunkwe sinjal fejn:
    - (a) is-sinjal ikun identiku għat-trademark tal-UE u jintuża b'rabta ma’ oġġetti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE;
    - (b) is-sinjal ikun identiku jew simili għat-trademark tal-UE u jintuża b'rabta ma’ oġġetti jew servizzi li huma identiċi, jew simili, għall-oġġetti jew is-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE, jekk ikun hemm il-probabbiltà li ssir konfużjoni min-naħħa tal-pubbliku; il-probabbiltà ta’ konfużjoni tħalli l-probabbiltà ta’ assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark;
    - (c) is-sinjal ikun identiku jew simili għat-trademark tal-UE, irrisspettivament minn jekk tintużax b'rabta ma’ oġġetti jew servizzi li huma identiċi, simili jew mhux simili għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE, meta din tal-aħħar ikollha reputazzjoni fl-Unjoni u meta l-użu ta’ dak is-sinjal mingħajr raġuni valida jieħu vantaggieg ingu min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trademark tal-UE, jew ikun ta’ detriment għaliha.

3. Dawn li ġejjin, b'mod partikolari, jistgħu jiġu pprojbiti skont il-paragrafu 2:
    - (a) it-twaħħil ta' sinjal mal-oġġetti jew mal-imballaġġ ta' dawk l-oġġetti;
    - (b) l-offerta ta' oġġetti, it-tqegħid fis-suq, jew il-ħażin tagħhom għal dawk l-għanijiet taħt is-sinjal, jew l-offerta jew il-provvista ta' servizzi b'dak l-istess sinjal;
    - (c) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti taħt is-sinjal;
    - (d) l-użu tas-sinjal bħala isem kummerċjali jew tal-kumpannija jew parti minn isem kummerċjali jew tal-kumpannija;
    - (e) l-użu tas-sinjal f'gazzetti kummerċjali u fir-riklamar;
    - (f) l-użu tas-sinjal f'reklamar komparattiv b'mod li jmur kontra d-Direttiva 2006/114/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU 2006, L 376, p. 21)]."
  4. L-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament intitolat "Limitazzjoni tal-effetti ta' trademark tal-UE", huwa fformulat kif ġej:
- "1. Trademark tal-UE ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprietarju li jipprobixxi li, fil-proċess normali tan-negożju, parti terza tuża:
- [...]
- (c) it-trademark tal-UE għall-fini tal-identifikazzjoni jew biex issir referenza għal oġġetti jew servizzi bħala dawk tal-proprietarju ta' dik it-trademark, b'mod partikolari fejn l-użu ta' dik it-trademark ikun neċċesarju biex jiġi indikat l-għan maħsub ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorji jew spare parts.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss fejn l-użu li jsir minn parti terza tikkonforma ma' prattiki onesti f'materji industrijali jew kummerċjali."

### ***Ir-Regolament (KE) Nru 6/2002***

5. L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142, intitolat "Drittijiet ikkonferiti bid-disinn Komunitarju", jipprevedi, fil-paragrafi 1 tiegħu:


"Disinn Komunitarju reregistrat għandu jikkonferixxi fuq il-pussessur tiegħu id-dritt esklużiv li jużah u jippreveni kull parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tużah. L-użu msemmi hawn fuq għandu jkɔpri, b'mod partikolari, l-ġhemmil, l-offerta, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li jiġi applikat fih jew il-ħażna ta' dan il-prodott għal dawn l-għanijiet."

- 6 L-Artikolu 110 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjoni transitorja", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

"Saż-żmien li l-emendi għal dan ir-Regolament jidħlu fi-seħħi fuq proposta mill-Kummissjoni [Ewropea] dwar dan is-suġġett, il-protezzjoni bħala disinn Komunitarju ma għandhiex teżisti għal disinn li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott ikkumplikat użat fit-tifsira ta' l-Artikolu 19(1) bl-ġħan tat-tiswija ta' dan il-prodott komplexx hekk li tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħu."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 7 Audi hija manifattur ta' vetturi bil-mutur, li hija proprjetarja tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea, irrapreżentata iktar 'il quddiem, irregjistrata bin-numru 000018762, li tindika b'mod partikolari l-"*vetturi tal-art, tal-ajru u tal-baħar, partijiet u partijiet li jikkostitwixxu dawn l-oġġetti inklużi f'din il-klassi, inklużi muturi*", li jaqgħu fil-klassi 12 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat (iktar 'il quddiem it-"*trade mark AUDI*"):



- 8 GQ hija persuna fiżika li teżerċita attività ta' bejgħ, permezz ta' sit internet, ta' partijiet ta' bdil għal vetturi bil-mutur principally intiżi għad-distributuri ta' tali partijiet. Fil-kuntest ta' din l-attività, GQ irreklamat grilji tar-radjatur, adattati u ddisinjati għal mudelli qodma ta' vetturi bil-mutur Audi tal-1980 u l-1990, u offriet dawn il-grilji tar-radjatur għall-bejgħ. Dawn kienu jinkludu element iddisinjat għall-iffissar ta' emblema tat-trade mark tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur Audi (iktar 'il quddiem l-"*emblema ta' Audi*").
- 9 Mill-2017, Audi ppreżentat rikors ġudizzjarju kontra GQ bil-ġħan li timblokka l-offerta ta' bejgħ ta' partijiet ta' bdil mhux oriġinali li l-forma ta' ċerti elementi fihom ikkorrispondew, parżjalment jew kompletament, għat-trade mark AUDI.
- 10 B'mod partikolari, fil-5 ta' Mejju 2020, Audi ressjet talba quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), il-qorti tar-rinvju, intiżra sabiex tipprojbixxi lil GQ milli tirreklama, timporta, toffri għall-bejgħ jew tqiegħed fis-suq grilji tar-radjatur mhux oriġinali b'sinjal identiku jew simili għat-trade mark AUDI. Hija talbet ukoll il-qerda ta' 70 grilja tar-radjatur li kienu nqabdu mill-awtoritajiet dogħali Pollakki u li kienu jiksru d-dritt esklużiv mogħetti mit-trade mark AUDI.
- 11 GQ tikkontesta dawn it-talbiet, billi tinvoka prassi tal-produtturi tal-vetturi bil-mutur li ma jopponux il-bejgħ ta' grilji tar-radjatur mhux oriġinali li jinkludi element iddisinjat għall-iffissar tal-emblema li tirrapreżenta t-trade mark tagħhom.
- 12 Il-qorti tar-rinvju tqis li, sabiex tiddeċċiedi dwar it-tilwima li tressqet quddiemha, hija għandha tiddetermina jekk il-portata tal-protezzjoni mogħtija mit-trade mark AUDI, li, skont din il-qorti, għandha karattru distintiv għoli, ikollha reputazzjoni kbira fil-Polonja u hija assoċjata b'mod ċar ma' Audi, testendix ukoll għall-elementi ddisinjati għall-iffissar tal-emblema ta' Audi fuq il-grilji

tar-radjatur u li huma minħabba d-dehra tagħhom, b'mod partikolari l-forma tagħhom, identiċi għat-trade mark AUDI, simili ġħaliha b'tali mod li joħolqu konfużjoni jew sempliċement simili ġħaliha.

- 13 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinvju tqis li għandhom jiġu eżaminati l-konsegwenzi tal-assenza, fid-dritt tat-trade marks, ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-klawżola msejħha "tat-tiswija" prevista fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002.
- 14 Din il-qorti tenfasizza, fil-fatt, in-neċċessità li tiġi protetta kompetizzjoni mhux distorta u l-interess tal-konsumaturi li jkunu jistgħu jagħżlu bejn ix-xiri ta' parti għal vettura bil-mutur oriġinali u dak ta' parti mhux oriġinali. L-imsemmija qorti tippreċiża li, minkejja li f'dan il-każ ma hijex inkwistjoni l-protezzjoni ta' disinn Komunitarju, ir-riferiment għall-klawżola msejħha "tat-tiswija" huwa bbażat fuq l-idea li d-dritt mogħti minn trade mark tal-Unjoni Ewropea ma jistax jagħti lill-proprietarju ta' din it-trade mark protezzjoni iktar estiżza minn dik li tirriżulta mid-drittijiet mogħtija kemm minn tali trade mark u minn disinn Komunitarju. L-istess qorti tirrileva li mid-digriet tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company (C-500/14, EU:C:2015:680, punti 39 u 42), jirriżulta li din il-klawżola ma tistax tiġi applikata b'analōġija fid-dritt tat-trade marks. Madankollu, hija tistaqsi jekk is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992), ma timponix qari ġdid ta' dan id-digriet, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha terzi la jkunu awtorizzati jużaw trade mark ta' manifattur ta' vetturi bil-mutur sabiex jiproduċu u jipproponu għall-bejgħ partijiet ta' bdil ta' vetturi ta' dan il-manifattur, u lanqas ma jkunu awtorizzati jużaw din it-trade mark għal tali għan. Hija tqis li, anki jekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa eskuż li tiġi applikata b'analōġija l-klawżola msejħha "tat-tiswija" fid-dritt tat-trade marks, dan ma jeskludix li l-possibbiltà li tiġi limitata l-protezzjoni tat-trade marks kienet prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni jew tirriżulta mid-digriet tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company (C-500/14, EU:C:2015:680).
- 15 Il-qorti tar-rinvju tistaqsi għalhekk jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża li hija adita biha, trade mark tissodisfax funżjoni ta' indikazzjoni ta' oriġini ta' parti ta' bdil meta din tkun element ta' din il-parti. Hija tistaqsi wkoll jekk, meta element ta' parti ta' bdil ta' vettura bil-mutur, jiġifieri grilja tar-radjatur, jippermetti li tiffissa l-emblema tal-manifattur ta' din il-vettura fuq din il-parti u jirrappreżenta l-forma ta' trade mark ta' dan il-manifattur jew huwa simili għal din it-trade mark sal-punt li joħloq konfużjoni, dan l-element jistax jiġi kkunsidrat bħala trade mark li tissodisfa funżjoni ta' indikazzjoni ta' oriġini.
- 16 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinvju tistaqsi dwar jekk l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jipprobixxi lil terz l-użu, fil-proċess normali tan-negożju, ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark tant li joħloq konfużjoni, għal partijiet ta' bdil għal vetturi bil-mutur, jiġifieri grilji tar-radjatur, meta dan is-sinjal jikkostitwixxi element ta' dawn il-partijiet, iddisinjat għall-iffissar tal-emblema tal-manifattur ta' dawn il-vetturi fuqhom. Hija tiddiġġi wi bejn żewġ sitwazzjonijiet f'dan ir-rigward, skont jekk huwiex teknikament possibbli jew le li tiffissa tali emblema mingħajr ma tirriproduċi fuq l-imsemmija partijiet sinjal identiku għal din it-trade mark jew simili ġħaliha tant li joħloq konfużjoni. Madankollu, hija tippreċiża li tali kriterju ta' natura teknika ma jikkostitwixx kriterju ta' evalwazzjoni faċilment applikabbli.
- 17 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinvju tistaqsi liema kriterji ta' evalwazzjoni għandhom, jekk ikun il-każ, jiġu applikati sabiex jiġi ddeterminat jekk it-trade mark tal-Unjoni Ewropa ntużatx skont prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali, kif rikjest mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 14(1)(c) tar-[Regolament 2017/1001] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-proprietarju tat-trade mark jew lill-qorti milli jiprojbx Xu lil terzi l-użu fil-kummerċ ta' sinjal, identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni, ta' trade mark tal-Unjoni, fir-rigward ta' spare parts tal-karozzi (apparat li jkessaħ l-arja/grilji tar-radjatur), fejn dan is-sinjal ikun jikkostitwixxi struttura għall-iffissar ta' aċċessorju tal-karozzi (emblema li tirrifletti trade mark tal-Unjoni), u:

- fejn minn perspettiva teknika jeżistu possibiltajiet ta' twaħħil tal-emblema oriġinali li tirrifletti trade mark tal-Unjoni ma' spare part ta' karozza (apparat li jkessaħ l-arja/grilja tar-radjatur) mingħajr ir-riproduzzjoni, fuq dawn il-parts, ta' sinjal identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għat-trade mark tal-Unjoni;

jew f'sitwazzjoni

- fejn minn perspettiva teknika ma huwiex possibbli t-twaħħil tal-emblema oriġinali li tirrifletti trade mark tal-Unjoni ma' spare part ta' karozza (apparat li jkessaħ l-arja/grilja tar-radjatur) mingħajr ir-riproduzzjoni, fuq dawn il-parts, ta' sinjal identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għat-trade mark tal-Unjoni?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda [l-ewwel jew it-tieni inċiż]:

- (2) Liema kriterji ta' evalwazzjoni għandhom jiġu applikati f'dawn il-każijiet biex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk l-użu ta' trade mark tal-Unjoni huwiex konformi mal-prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali?
- (3) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn it-trade mark huwa element tal-forma ta' spare part u fl-assenza, fir-Regolament 2017/1001, ta' klawżola ekwivalenti għall-klawżola ta' tiswija fl-Artikolu 110(1) tar-[Regolament Nru 6/2002], f'tali sitwazzjoni t-trade mark ma jissodis fax funżjoni ta' indikazzjoni tal-oriġini?
- (4) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn l-element għall-iffissar tat-trade mark, li jirrifletti l-forma tat-trade mark jew huwa simili għaliha b'mod joħloq konfużjoni, huwa element tal-forma ta' spare part u fl-assenza, fir-Regolament 2017/1001, ta' klawżola ekwivalenti għall-klawżola ta' tiswija fl-Artikolu 110(1) tar-[Regolament Nru 6/2002], l-element għall-iffissar ma jistax jitqies bħala trade mark li tissodisfa funżjonijiet ta' indikazzjoni tal-oriġini anki jekk dan is-sinjal ikun identiku għat-trade mark jew huwa simili għaliha b'mod li joħloq konfużjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq it-tielet u r-raba' domanda*

- 19 Għandu jitfakkar preliminarjament, li, skont l-Artikolu 9(1) u (2) tar-Regolament Nru 2017/1001, it-trade mark tal-Unjoni Ewropea tagħti lid-detentur tagħha d-dritt eskużiż li jipprojbixxi li kull terz li juża, fil-proċess normali tan-negożju, sinjal identiku għal din it-trade mark għal prodotti jew servizzi identiċi għal dawk li hija reregistrata għalihom, jew ta' sinjal li għalihi, minħabba li huwa identiku jew simili għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea u minħabba l-identità jew ix-xebħ tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn din it-trade mark u s-sinjal, tkun teżisti probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku, jew ukoll ta' sinjal identiku jew simili għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għal prodotti jew servizzi li ma humiex simili għal dawk li hija reregistrata għalihom din it-trade mark, meta din ikollha reputazzjoni fl-Unjoni u li l-użu tas-sinjal mingħajr motiv ġust jieħu profitt indebitu mill-karatru distintiv jew mir-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark jew jikkawżalhom dannu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany, C-567/18, EU:C:2020:267, punt 31).
- 20 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinvju jirriżulta li, permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinvju tfitteż, fir-realta, li tkun taf jekk l-importazzjoni u l-offerta għall-bejgħ ta' parti ta' bdil ta' vettura bil-mutur, jiġifieri ta' grilja tar-radżjatur, li tinkludi element li l-forma tiegħi hija identika jew simili għal trade mark li l-manifattur ta' din il-vettura huwa proprjetarju tagħha u li hija ddisinjata għall-iffisar, fuq din il-parti, tal-emblema ta' dan il-manifattur, li jirrappreżenta l-imsemmija trade mark, tikkostitwixxix "użu fil-proċess normali tan-negożju ta' sinjal" imsemmi fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001.
- 21 Min-naħħa l-oħra, minkejja l-formulazzjoni tat-tielet domanda, din il-qorti ma tistaqsix dwar il-kapaċitā ta' sinjal li jiġi reregistrat bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, il-funzjoni essenziali ta' trade mark individwali tal-Unjoni Ewropea li ġiet irregestrata, bħal f'dan il-każ it-trade mark AUDI, hija li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi li hija tindika. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, W. F. Gözze Frottierweberei u Gözze, C-689/15, EU:C:2017:434, punti 40 u 41, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Tali trade mark b'hekk titqies li tippermetti li tiġi indikata, fiha nnifisha u fl-assenza ta' kull element ieħor, l-oriġini ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi. Issa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li l-qorti tar-rinvju għandha dubji dwar il-fondatezza tar-reġistrazzjoni tat-trade mark AUDI bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea u l-kapaċitā ta' din it-trade mark li tindika l-oriġini tal-prodotti li għalihom hija reregistrata.
- 22 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001 dwar l-“użu fil-proċess normali tan-negożju ta' sinjal” għandha tiġi eżaminata qabel l-evalwazzjoni eventwali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 9(2)(b) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, l-eżistenza ta' tali riskju ma tikkostitwixxix premessa għall-eżami tal-punt dwar jekk sinjal jintużax fil-proċess normali tan-negożju.
- 23 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 9(3)(b) u (c) tal-imsemmi regolament, jista' jiġi pprojbit, rispettivament, li jiġu offruti l-prodotti, li jitqiegħdu fis-suq jew li jinżammu għal dawn l-għanijet taħt dan is-sinjal u li jiġi importati jew esportati l-prodotti taħt l-imsemmi sinjal. B'hekk, fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali kif esposti fid-deċiżjoni tar-rinvju, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu wkoll rilevanti sabiex tingħata deċiżjoni dwar din it-tilwima.

- 24 Għaldaqstant, it-tielet u r-raba' domanda għandhom jiġi fformulati mill-ġdid fis-sens li, permezz tagħhom, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, esenzjalment, jekk, fl-assenza, fir-Regolament 2017/1001, ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-klawżola msejħha "tat-tiswija" tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002, l-Artikolu 9(2) u (3)(a) sa (c) tar-Regolament 2017/1001 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-terz li, mingħajr il-kunsens tal-manifattur ta' vetturi bil-mutur proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, jimporta u joffri għall-bejgħ partijiet ta' bdil, jiġifieri grilji tar-radżjatur għal dawn il-vetturi bil-mutur, li fihom element li huwa ddisinjat għall-iffissar tal-emblema li tirrappreżenta din it-trade mark u li l-forma tiegħu hija identika jew simili għall-imsemmija trade mark, jagħmel użu minn sinjal fil-proċess normali tan-negozju b'mod li jista' jippreġudika funzjoni jew funzjonijiet tal-istess trade mark.
- 25 Għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, għalkemm sinjal protett bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea jista' wkoll, f'ċerti ċirkustanzi, ikun protett bħala disinn Komunitarju, mid-deċiżjoni tar-rinvju jirriżulta li t-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda biss il-protezzjoni mogħtija minn trade mark tal-Unjoni Ewropea, u mhux ukoll minn dik mogħtija minn disinn Komunitarju.
- 26 Issa, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-qorti tar-rinvju, li klawżola msejħha "tat-tiswija", bħal dik eżistenti fid-dritt tad-disinni fl-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002, ma kinitx prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-Regolament 2017/1001.
- 27 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja digħà ċċarat il-portata tal-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002 fis-sens li joħloq ċerti limitazzjonijiet biss għall-protezzjoni mogħtija fir-rigward tad-disinni u japplika bla ħsara għad-dispożizzjoniċċi tad-dritt tal-Unjoni dwar it-trade marks. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma fiha ebda deroga mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-trade marks (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company, C-500/14, EU:C:2015:680, punti 39, 41 u 42).
- 28 Barra minn hekk, l-ġhan taż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta ttieħed inkunsiderazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tar-Regolament 2017/1001, sa fejn l-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament li jillimita l-effetti tad-dritt li l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jislet mill-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament. Dan l-Artikolu 14 huwa intiż li jirrikonċilja l-interessi fundamentali tal-protezzjoni tad-dritt mogħti minn tali trade mark ma' dawk tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-libertà li jiġi pprovduti servizzi fis-suq intern, u dan b'tali mod li l-imsemmi dritt ikun jista' jissodisa r-rwol tiegħu ta' element esenzjali tas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta li t-Trattat FUE jrid jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company, C-500/14, EU:C:2015:680, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 Konsegwentement, ma tistax issir interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001 li twassal, sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni għan li jibqa' jkun hemm kompetizzjoni mhux distorta bejn manifatturi ta' vetturi bil-mutur u bejjiegħha ta' partijiet ta' bdil mhux oriġinali, għall-applikazzjoni b'analoga tal-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002 u sabiex jiġi llimitat, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, id-dritt mogħti lill-proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea minn dan l-Artikolu 9.
- 30 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "użu", fis-sens tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001, ma huwiex iddefinit minn dan ir-regolament (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Louboutin (Użu ta' sinjal kontrafatt f'suq online), C-148/21 u C-184/21, EU:C:2022:1016, punt 25).

- 31 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, skont l-Artikolu 9(2)(a) u (b) ta' dan ir-regolament, il-proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea huwa intitolat li jipprojbixxi lil kwalunkwe terz milli juża, fl-eżerċizzju tal-kummerċ u fl-assenza tal-kunsens tiegħu, sinjal identiku għat-trade mark għal prodotti jew għal servizzi identiċi għal dawk li għalihom din tkun ġiet irreggistrata jew sinjal li għalihi, minħabba l-identità tiegħu jew ix-xebħ mat-trade mark u minħabba l-identità jew ix-xebħ ta' prodotti jew ta' servizzi koperti mit-trade mark u s-sinjal, tkun teżisti probabbiltà ta' konfużjoni min-naħħa tal-pubbliku li tħalli l-probabilità ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandu madankollu jkun irriżervat għall-każijiet li fihom l-użu tas-sinjal minn terz jippreġudika jew jista' jippreġudika l-funzjonijiet tat-trade mark, li fosthom hemm mhux biss il-funzjoni essenziali tat-trade mark li hija li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz, iżda wkoll il-funzjonijiet l-oħra tagħha, bħal b'mod partikolari, dik li tiggarantixxi l-kwalità ta' dan il-prodott jew ta' dan is-servizz, jew dawk ta' komunikazzjoni, ta' investiment jew ta' reklamar (sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Mitsubishi Shoji Kaisha u Mitsubishi Caterpillar Forklift Europe, C-129/17, EU:C:2018:594, punti 33 u 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Barra minn hekk, mill-Artikolu 9(2)(c) tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li jkollha reputazzjoni huwa intitolat jipprojbixxi l-użu mingħajr il-kunsens tiegħu minn terz, fil-proċess normali tan-negożju, ta' sinjal identiku jew simili għal din tal-aħħar, indipendentement mill-fatt li l-prodotti jew is-servizzi li għalihom jintuża dan is-sinjal ikunu identiċi, simili jew le għal dawk li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata, meta dan l-użu, mingħajr raġuni valida, jislet vantaġġ ġiġi mill-karatru distintiv jew mir-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark jew jikkawżalhom īxsara.
- 33 F'dan ir-rigward, fir-rigward tat-terminu "użu", il-Qorti tal-Ġustizzja digħi kkonstatat li dan jirreferi eskluziżiavent għal agiż attiv min-naħħa tat-terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Mitsubishi Shoji Kaisha u Mitsubishi Caterpillar Forklift Europe, C-129/17, EU:C:2018:594, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u li l-elenkar tat-tipi ta' użu li l-proprietarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea jista' jipprojbixxi, li jinsab fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2017/1001, ma huwiex eżawrjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany, C-567/18, EU:C:2020:267, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 L-użu tas-sinjal identiku jew simili għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea iseħħi "fil-proċess normali tan-negożju" peress li jinsab fil-kuntest ta' attività kummerċjali intiża sabiex jinkiseb profitt u mhux fil-qasam privat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2002, Arsenal Football Club, C-206/01, EU:C:2002:651, punt 40, kif ukoll tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google, C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2010:159, punt 50).
- 35 Fir-rigward tal-funzjonijiet tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea, dik, essenziali, imsemmija fil-punti 21 u 31 ta' din is-sentenza, li tikkonsisti fli tiġi għgarantita l-identità tal-oriġini sservi b'mod partikolari sabiex tikkonferma li l-prodotti jew is-servizzi kollha koperti minn din it-trade mark ġew immanifaturati jew ipprovduti taħt il-kontroll ta' impriża waħda li lilha tista' tiġi attribwita r-responsabbiltà tal-kwalità tagħhom, u dan sabiex hija tkun tista' taqdi r-rwol tagħha ta' element essenziali tas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2002, Arsenal Football Club, C-206/01, EU:C:2002:651, punt 48, kif ukoll tat-25 ta' Lulju 2018, Mitsubishi Shoji Kaisha u Mitsubishi Caterpillar Forklift Europe, C-129/17, EU:C:2018:594, punt 35).

- 36 Fost il-funzjonijiet l-oħra tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea, dik ta' investiment testendi għall-possibbiltà għall-proprietarju ta' trade mark li jużaha sabiex jikseb jew iżomm reputazzjoni li tista' tattira jew tikseb il-fideltà tal-konsumaturi permezz ta' diversi tekniki kummerċjali. B'hekk, meta l-użu minn terz, bħala kompetituri tal-proprietarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea, ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal prodotti jew servizzi identiċi, simili jew differenti, għal dawk li ġħalihom din hija rreġistrata jinterferixxi b'mod sostanzjali mal-użu, minn dan il-proprietarju, tat-trade mark sabiex jikseb jew iżomm reputazzjoni li tista' tattira jew tikseb il-fideltà tal-konsumaturi, dan l-użu jippreġudika din il-funzjoni. L-imsemmi proprietarju huwa, konsegwentement, intitolat jiprojbixxi tali użu skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Mitsubishi Shoji Kaisha u Mitsubishi Caterpillar Forklift Europe, C-129/17, EU:C:2018:594, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li t-tielet u r-raba' domanda huma bbażati fuq il-premessa li l-grilji tar-radjatur importati u proposti għall-bejgħ minn GQ ma humiex prodotti li joriġinaw mill-proprietarju tat-trade mark AUDI jew li tqiegħdu fis-suq bil-kunsens tiegħu.
- 38 Barra minn hekk, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-forma tal-element ta' dawn il-grilji tar-radjatur iddisinjati għall-iffissar tal-emblema AUDI hija kkunsidrata mill-qorti tar-rinvju bħala li hija identika jew simili għat-trade mark AUDI. Din il-forma tikkostitwixxi b'hekk sinjal fis-sens tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001, peress li l-fatt li dan huwa element ta' parti ta' bdil għal vettura bil-mutur, jiġifieri grilja tar-radjatur, ma jistax ibiddel din il-konstatazzjoni.
- 39 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta wkoll li dan is-sinjal huwa mwaħħal fuq dawn il-grilji tar-radjatur jew integrat fihom, għall-finijiet tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn tal-aħħar, li jiarrappreżenta użu li jaqa' taħt l-Artikolu 9(3)(a) tar-Regolament 2017/1001. Barra minn hekk, sa fejn GQ timporta u toffri għall-bejgħ grilji tar-radjatur li fihom l-imsemmi sinjal, hija tista' tiġi kkunsidrata bħala li twettaq it-tipi ta' użu li jaqgħu taħt l-Artikolu 9(3)(b) u (c) ta' dan ir-regolament.
- 40 Dan jaapplika iktar u iktar meta, bħal f'dan il-każ, l-imsemmi element jitqiegħed fuq il-parti ta' bdil, jiġifieri l-grilja tar-radjatur, b'tali mod li, sakemm l-emblema li tirrappreżenta t-trade mark tal-manifattur tal-vetturi ma tkunx iffissata, is-sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark ikun viżibbli għall-pubbliku rilevanti meta dan jara din il-parti, meta dan il-pubbliku huwa dak li jixtieq jixtri tali parti sabiex isewwi jew tissewwa vettura bil-mutur. Tali fatt huwa ta' natura li jikkonkretizza l-eżistenza ta' rabta materjali bejn din l-istess parti, li terz jimporta, li huwa jirreklama u joffri għall-bejgħ, u l-proprietarju tat-trade mark AUDI.
- 41 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li tali użu jista', skont il-każ, jippreġudika funzjoni jew funzjonijiet tat-trade mark.
- 42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament 2017/1001 jirrigwarda l-ipoteżi msejħha ta' "identità doppja", jiġifieri l-użu mit-terz ta' sinjal identiku għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għal prodotti jew servizzi identiċi għal dawk li ġħalihom din it-trade mark hija rreġistrata. F'din l-ipoteżi, l-użu tas-sinjal mit-terz fis-sens tal-Artikolu 9(2) ta' dan ir-regolament jista' jiġi pprobit mill-proprietarju ta' din it-trade mark skont l-Artikolu 9(2)(a) tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Interflora u Interflora British Unit, C-323/09, EU:C:2011:604, punt 33), meta dan l-użu jippreġudika jew jista' jippreġudika l-funzjonijiet tat-trade mark, fosthom jinsabu mhux biss il-funzjoni essenzjali tat-trade mark li

hija li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz, iżda wkoll il-funzjonijiet l-oħra tagħha, bħal, b'mod partikolari, dik li tiggarantixxi l-kwalità ta' dan il-prodott jew ta' dan is-servizz, jew dawk tal-komunikazzjoni, tal-investiment jew tar-reklamar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2016, Daimler, C-179/15, EU:C:2016:134, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 43 Jekk ma teżistix identiċità doppja bejn is-sinjal użat mit-terz u t-trade mark tal-Unjoni Ewropea kif ukoll bejn il-prodotti kkonċernati, b'mod partikolari meta s-sinjal użat mit-terz u mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea huma simili, u mhux identiċi, peress li l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati huma identiċi jew simili, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk l-użu ta' dan is-sinjal joħloqx probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament 2017/1001. Skont il-ġurisprudenza, tikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni l-probabbiltà li l-pubbliku jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impriża jew, jekk ikun il-każ, minn impiżi marbuta ekonomikament (sentenzi tat-22 ta' Ġunju 1999, Lloyd Schuhfabrik Meyer, C-342/97, EU:C:1999:323, punt 17, u tat-8 ta' Lulju 2010, Portakabin, C-558/08, EU:C:2010:416, punt 51). Għaldaqstant, skont din id-dispożizzjoni, il-proprietarju tat-trade mark jista' jipprob bixxi l-użu mit-terz tas-sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark biss jekk, minħabba l-eżistenza ta' tali probabbiltà ta' konfużjoni, dan l-użu jippreġudika jew jista' jippreġudika l-imsemmija funżjoni "essenzjali" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2016, Daimler, C-179/15, EU:C:2016:134, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 44 Barra minn hekk, meta t-trade mark ikollha reputazzjoni fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(2)(c) tar-Regolament 2017/1001, il-proprietarju ta' din it-trade mark huwa intitolat jipprob bixxi l-użu minn terz, fil-proċess normali tan-negożju, ta' sinjal identiku jew simili għall-imsemmija trade mark fil-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 32 ta' din is-sentenza. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt mill-proprietarju tat-trade mark li jkollha reputazzjoni ma jippreżumix l-eżistenza ta' possibbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Interflora u Interflora British Unit, C-323/09, EU:C:2011:604, punti 70 u 71, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 F'dan il-każ, hija l-qorti nazzjonali li qabel kollox għandha tiddetermina, minn naħħa, jekk is-sinjal użat minn GQ, li jikkonsisti fil-forma tal-element tal-grilja tar-radżjatur ddisinjat għall-iffissar tal-emblema ta' Audi, huwiex identiku jew simili għat-trade mark AUDI u, min-naħħa l-oħra, jekk grilja tar-radżjatur hija identika jew simili għal wieħed jew iktar mill-prodotti li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata, imsemmija fil-punt 7 ta' din is-sentenza.
- 46 Jekk il-qorti nazzjonali tiddetermina li din il-forma hija sinjal identiku għat-trade mark AUDI u li dawn il-grilji, bħala partijiet ta' bdil, huma identiċi għall-prodotti li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata, hija għandha tapplika l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament 2017/1001.
- 47 Jekk, min-naħħa l-oħra, din il-qorti tiddetermina li GQ tuża sinjal simili, u mhux identiku, għat-trade mark AUDI u li l-grilji tar-radżjatur tagħha, bħala partijiet ta' bdil, huma identiċi jew simili għall-prodotti li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata, hija għandha tevalwa l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament 2017/1001, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-livell ta' xebħi tas-sinjal u dak tal-prodotti, il-perċezzjoni tal-konsumatur medju tal-pubbliku rilevanti, normalment informat u raġonevolment attent u avżat meta jara l-prodotti li għalihom it-terz juża s-sinjal, kif ukoll il-livell ta' attenzjoni ta' dan il-pubbliku, il-karattru distintiv tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea jew ukoll il-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti huma kkummerċjalizzati (ara, f'dan

is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, SABEL, C-251/95, EU:C:1997:528, punt 22, u tal-4 ta' Marzu 2020, EUIPO vs Equivalenza Manufactory, C-328/18 P, EU:C:2020:156, punti 57 u 70).

- 48 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-trade mark AUDI jkollha reputazzjoni kbira fil-Polonja u għandha karattru distintiv ġholi. Jekk il-qorti nazzjonali tqis li din it-trade mark ikollha reputazzjoni u li l-forma tal-element tal-grilja tar-radjatur iddisinjat sabiex tiġi ffissata l-emblema ta' Audi hija identika jew simili ġhall-imsemmija trade mark, din tal-aħħar għandha tibbenifika minn protezzjoni f'dan ir-rigward, ftit jimporta li l-grilji tar-radjatur importati u proposti ġħall-bejgħ minn GQ u l-prodotti li ġħalihom l-istess trade mark hija rreġistrata huma identiċi, simili jew differenti. L-użu tas-sinjal minn GQ jista' għalhekk jiġi pprojbit, skont l-Artikolu 9(2)(c) tar-Regolament 2017/1001, jekk il-qorti nazzjonali tistabbilixxi li dan l-użu mingħajr raġuni valida jislet vantaġġ ingūst mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark AUDI, jew jikkawżalhom dannu. F'dan il-każ, din il-qorti ma tkunx obbligata tevalwa l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, ġħaliex, f'dan il-kuntest, huwa irrelevanti l-fatt li l-konsumatur medju jipperċepixxi l-grilji bħala mhux oriġinali.
- 49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għandha tingħata tweġiba għat-tielet u r-raba' domanda li l-Artikolu 9(2) u (3)(a) sa (c) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terz li, mingħajr il-kunsens tal-manifattur ta' vetturi bil-mutur proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, jimporta u joffri ġħall-bejgħ partijiet ta' bdil, jiġifieri grilji tar-radjatur ġħal dawn il-vetturi bil-mutur, li fihom element li huwa ddisinjat ġħall-iffissar tal-emblema li tirrappreżenta din it-trade mark u li l-forma tagħhom hija identika jew simili ġħall-imsemmija trade mark, jagħmel użu minn sinjal fil-proċess normali tan-negożju b'mod li jista' jippreġudika funżjoni jew funżjonijiet tal-istess trade mark, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan.

### ***Fuq l-ewwel domanda***

- 50 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-manifattur ta' vetturi bil-mutur li huwa proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jipprobixxi lil terz l-użu ta' sinjal identiku jew simili ġħal din it-trade mark ġħal partijiet ta' bdil ġħal dawn il-vetturi bil-mutur, jiġifieri grilji tar-radjatur, meta dan is-sinjal jikkonsisti fil-forma ta' element tal-grilja tar-radjatur, iddisinjat ġħall-iffissar fuqu tal-emblema li tirrappreżenta l-imsemmija trade mark, u dan fid-dawl tal-eżistenza jew le ta' possibbiltà teknika ta' ffissar ta' din l-emblema fuq l-imsemmija grilja tar-radjatur mingħajr ma l-imsemmi sinjal jitwaħħal fuqha.
- 51 Għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li, meta l-użu ta' sinjal identiku jew simili ġħal trade mark tal-Unjoni Ewropea minn terz jista' jiġi pprojbit mill-proprjetarju tiegħu skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001, l-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament jillimita, fis-sitwazzjonijiet li huwa jistabbilixxi, id-dritt ta' dan il-proprjetarju li jopponi dan l-użu.
- 52 B'hekk, skont l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001, trade mark tal-Unjoni ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprietarju jimpedixxi lil terz milli juża, fil-proċess normali tan-negożju, din it-trade mark ġħall-finijiet ta' identifikazzjoni jew riferiment ġħal prodotti jew servizzi bħala dawk ta' dan il-proprietarju, b'mod partikolari fejn l-użu ta' din it-trade mark huwa meħtieġ sabiex jindika l-għan intiż ta' prodott jew ta' servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorju jew parti ta' bdil.

- 53 Minkejja l-eżistenza ta' differenzi notevoli bejn din id-dispożizzjoni, li tikkorrispondi għall-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 110, p. 5, u d-dispożizzjoni li ppreċedietha fil-verżjonijiet précédentement fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-impossibbiltà, għall-proprietarju ta' trade mark, li jiprojbx-xi lil terz milli juża din it-trade mark meta dan l-użu huwa neċċesarju sabiex jindika l-iskop intiż ta' prodott jew ta' servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorju jew parti ta' bdil, u jsir skont prattiki onesti fil-qasam industrijali jew kummerċjali, inżamm u issa jikkostitwixxi waħda mis-sitwazzjonijiet li fihom id-dritt esklużiv mogħti mit-trade mark ma jistax jiġi invokat kontra terz (f'dan is-sens is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, Inditex, C-361/22, EU:C:2024:17, punti 44 sa 46).
- 54 L-iskop tal-limitazzjoni, prevista f'din l-ipoteżi, tad-dritt esklużiv mogħti mit-trade mark huwa li jippermetti lill-fornituri ta' prodotti jew ta' servizzi komplementari għal prodotti jew għal servizzi offruti mill-proprietarju ta' trade mark li jużaw din it-trade mark sabiex jinformat, b'mod komprensibbli u komplet, lill-pubbliku fuq l-użu intenzjonat tal-prodott li huwa jikkummerċjalizza jew bis-servizz li joffri jew, fi kliem ieħor, fuq ir-rabta utilitarja li teżisti bejn il-prodotti jew is-servizzi tagħhom u dawk tal-imsemmi proprietarju tat-trade mark (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' Marzu 2005, Gillette Company u Gillette Group Finland, C-228/03, EU:C:2005:177, punti 33 u 34, kif ukoll tal-11 ta' Jannar 2024, Inditex, C-361/22, EU:C:2024:17, punt 51).
- 55 B'hekk, l-użu ta' trade mark minn terz sabiex jindika jew jirreferi għal prodotti jew servizzi bħala li huma dawk tal-proprietarju ta' din it-trade mark meta dan l-użu huwa neċċesarju sabiex jiġi indikat l-iskop intiż ta' prodott ikkummerċjalizzat minn dan it-terz jew ta' servizz offrut minnu, jaqa', skont l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001, taħt waħda mill-każijiet li fihom l-użu tat-trade mark ma jistax jiġi pprojbit mill-proprietarju tagħha (ara, f'dan is-sens is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, Inditex, C-361/22, EU:C:2024:17, punt 52). Din il-limitazzjoni tad-dritt esklużiv mogħti lill-proprietarju tat-trade mark mill-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament tapplika biss, madankollu, meta l-imsemmi użu ta' din it-trade mark mit-terz isir skont prattiki onesti fil-qasam industrijali jew kummerċjali, fis-sens tal-Artikolu 14(2) tal-imsemmi regolament.
- 56 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinvju jirriżulta li l-element tal-grilja tar-radjatur li l-forma tiegħu hija identika jew simili għat-trade mark AUDI jippermetti li tiġi ffissata l-emblema li tirrappreżenta din it-trade mark fuq din il-grilja tar-radjatur. Kif jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinvju u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet, l-għażla tal-forma ta' dan l-element hija ggwidata mir-rieda li tiġi kkummerċjalizzata grilja tar-radjatur li tixbah bl-iktar mod fidil possibbli l-grilja tar-radjatur oriġinali tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur inkwistjoni.
- 57 Issa, għandha ssir distinzjoni bejn tali sitwazzjoni, li fiha impriżza li ma hijiex ekonomikament marbuta mal-proprietarju tat-trade mark tiffissa sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark fuq il-partijiet ta' bdil kkummerċjalizzati minnha u intiż sabiex jiġu integrati fil-prodotti ta' dan il-proprietarju, minn sitwazzjoni li fiha tali impriżza tagħmel, mingħajr madankollu ma tiffissa sinjal identiku jew simili għat-trade mark fuq dawn il-partijiet ta' bdil, użu minn din it-trade mark sabiex tindika li l-imsemmija partijiet ta' bdil huma intiż sabiex jiġi inkorporati i fil-prodotti tal-proprietarju tal-imsemmija trade mark. Għalkemm it-tieni waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet taqa' taħt l-ipoteżi msemmija fil-punt 55 ta' din is-sentenza, l-ewwel waħda mill-imsemmija sitwazzjonijiet ma taqax taħtha. L-iffissar ta' sinjal identiku jew simili għat-trade mark fuq il-prodott ikkummerċjalizzat mit-terz jeċċedi, kif osservat l-Avukata Ġenerali

fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tagħha, l-użu bħala riferiment imsemmi fl-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 u għalhekk ma jaqa' taħt ebda waħda mill-ipoteżijiet koperti minn din id-dispożizzjoni.

- 58 Minn dan isegwi li, meta sinjal, identiku jew simili għal trade mark tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi element ta' parti ta' bdil għal vetturi bil-mutur, li huwa ddisinjat għall-iffissar tal-emblema tal-manifattur ta' dawn il-vetturi fuqha u ma jintużax sabiex jindika jew isemmi prodotti jew servizzi bħala dawk tal-proprjetarju ta' din it-trade mark, iżda sabiex jirriproduċi b'mod daqstant fidil possibbli prodott minn dan il-proprjetarju, tali użu tal-imsemmija trade mark ma jaqax taħt l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001.
- 59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ftit jimporta jekk teżistix jew le possibbiltà teknika li tiġi ffissata l-emblema li tirrapreżenta t-trade mark tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur fuq il-grilja tar-radżjatur mingħajr ma l-forma tal-element tal-grilja tar-radżjatur iddisinjat għal dan l-imballeha sinjal identiku jew simili għat-trade mark. L-użu, minn GQ, ta' din il-forma, li f'dan il-każ hija kkunsidrata, mill-qorti tar-rinvju, bħala sinjal identiku jew simili għat-trade mark AUDI, għandu jiġi evalwat mill-perspettiva tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 42 sa 48 ta' din is-sentenza.
- 60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-manifattur ta' vetturi bil-mutur proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jipprobixxi lil terz l-użu ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal partijiet ta' bdil għal dawn il-vetturi bil-mutur, jiġifieri grilji tar-radżjatur, meta dan is-sinjal jikkonsisti fil-forma ta' element tal-grilja tar-radżjatur, iddisinjat għall-iffissar fuqha tal-emblema li tirrapreżenta l-imsemmija trade mark, mingħajr ma huwa rilevanti f'dan ir-rigward jekk teżistix jew le possibbiltà teknika li tiġi ffissata din l-emblema fuq din tal-aħħar mingħajr mal-imsemmi sinjal jitwaħħal fuqha.

### ***Fuq it-tieni domanda***

- 61 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

### ***Fuq l-ispejjeż***

- 62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija dik il-qorti li tiddeċċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissioni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċċiedi:

- 1) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

t-terz li, mingħajr il-kunsens tal-manifattur ta' vetturi bil-mutur proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, jimporta u joffri għall-bejgħ partijiet ta' bdil, jiġifieri grilji tar-radjatur għal dawn il-vetturi bil-mutur, li fihom element li huwa ddisinjat għall-iffissar tal-emblema li tirrappreżenta din it-trade mark u li l-forma tagħhom hija identika jew simili għall-imsemmija trade mark, jagħmel użu minn sinjal fil-proċess normali tan-negozju b'mod li jista' jippreġudika funzjoni jew funzjonijiet tal-istess trade mark, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan.

**2) L-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

ma jipprekludix li l-manifattur ta' vetturi bil-mutur proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jipprob bixxi lil terz l-użu ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal partijiet ta' bdil għal dawn il-vetturi bil-mutur, jiġifieri grilji tar-radjatur, meta dan is-sinjal jikkonsisti fil-forma ta' element tal-grilja tar-radjatur, iddisinjat għall-iffissar fuqha tal-emblema li tirrappreżenta l-imsemmija trade mark, mingħajr ma huwa rilevanti f'dan ir-rigward jekk teżistix jew le possibbiltà teknika li tiġi ffissata din l-emblema fuq din tal-aħħar mingħajr mal-imsemmi sinjal jitwaħħal fuqha.

Firem